TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 28/14-F

**Glenn u Rita Busuttil**
**vs**
**Pace's Uniforms**

Illum 6 ta' Mejju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 ta' Frar, 2014 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' tmienja w għoxrin ewro (€28), rappreżentanti prezz ta' anorak illi wara li ġiet ordnata, għaddew sentejn u l-kulur inbidel mill-iskola.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi fl-2011 huma kienu ordnaw l-uniformi għat-tifla tagħhom kif kienu indikati mill-iskola, u li ħallew depositu fuq anorak li kellha tasal fix-xitwa. Illi meta waslet din l-anorak kienu għaddew sentejn u li kienet waslet b'kulur żbaljat. Illi meta saqsew lill-intimat sabiex ibiddel is-size, hu qalilhom illi jista' jbiddel biss f'każ ta' kulur imma mhux ta' size.

L-intimat issottometta li kull ma seta' jbiddel huwa l-kulur u mhux is-size għaliex ikkonkluda li l-problema kienet mal-kulleġġ u mhux mar-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li hawn qed nitkellmu fuq prezz ta' tmienja w għoxrin ewro (€28), u t-Tribunal ma jistax jifhem kif l-intimat seta' jbiddel il-kulur biss, imma ma setax ibiddel is-size.

Kif ukoll, it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti żgur m'għandhiex tort minħabba t-tibdil tal-kulur fl-ordni.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' erbatax-il ewro (€14), b'dan illi l-anorak tibqa' propjeta' tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888